MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 177/2009/1

**Charles u Josephine konjugi Dimech.**

**vs.**

**Joseph u Phlippa konjugi Mercieca.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fl-10 ta' Novembru il-Qorti tal-Magistrati ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*Il-Qorti:-*

*Rat illi r-rikorrenti pprezentaw rikors fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom is-somma ta' sitt, elef seba' mija u hamsin wuro (€6,750) rapprezentanti hlas dovut ghal appogg minnhom ipprattikat mal-fond proprjeta' taghhom u dan kif iccertifika l-Perit Stephen Farrugia (Dok "A").*

*Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-Mandat ta' Sekwestru u bl-imghax legali mid-data meta gie prattikat tali appogg, sal-effettiv pagament kontra l-intimati ngunti in subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tal-intimati pprezentati fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Gunju 2009 fejn esponew is-segwenti:-*

*"1. Illi ma kien hemm l-ebda appogg da parti tal-konvenuti mal-hajt tal-atturi.*

*2. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost jekk il-konvenuti appoggjaw mal-hajt proprjeta' tal-atturi, dan ghamluh f'parti zghra ta' dan il-hajt u ghalhekk certament m'ghandhomx ihallsu l-ispiza kollha hekk kif qed jippretendu l-atturi f'din il-kawza.*

*3. Illi fi kwalunkwe kaz is-somma mitluba mill-atturi minghand il-konvenuti hija wahda ezorbitanti.*

*4. Salv difizi ulterjuri hekk kif premess mil-Ligi."*

*Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Lulju 2009 fejn peress li hasset il-htiega ta' nomina ta' perit tekniku ghaddiet biex tinnomina lil Perit Reuben Sciortino sabiex jigu konjizzjoni tal-kawza u jirrelata dwar it-tabiet atturi.*

*Rat illi fis-26 ta' Jannar 2010 xehed il-**Perit Reuben Sciortino u** esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok "RS". Huwa pprezenta mar-relazzjoni tieghu ritratti tal-hajt li hemm bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti u ta stima ta' parti tal-hajt li fil-fehma tieghu l-intimati qed jaghmlu uzu minnu. Huwa stima dan l-appogg fil-valur ta' elf mija w tlieta u sittin ewro u erba' cenetzmi (€1,163.04).*

*Rat illi fl-10 ta' Gunju 2010 rega' xehed il-**Perit Reuben Sciortino** u pprezenta t-tieni relazzjoni tieghu fejn ta' valur tal-hajt tal-appogg kollu, u dan ikkalkula li l-intimati jkollhom ihallsu s-somma ta' tliet elef hames mija u hamsa u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmu (€3,545.32) jekk jigu kkundannati jhallsu sehemhom mill-hajt kollu. Din it-tieni relazzjoni giet immarkata bhala Dok "RS 2".*

*Semghet il-partijiet jittrattaw il-kawza nhar it-tlettax t'Ottubru 2010.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi f'din il-kawza l-partijiet ma ressqu l-ebda xhieda u rrimettew ruhhom ghar-relazzjonijiet tal-Perit Sciortino in kwantu ghall-valur tal-hajt li hemm ezistenti bejn il-proprjetajiet tal-partijiet. Ir-rikorrenti jsostnu li huma ntitolati li jkunu rimborsati ghad-dritt taghhom ta' nofs l-appogg kollu, waqt li l-intimati jsostnu li huma ghandhom ihallsu biss sehemhom minn parti ta' dan il-hajt. Mill-provi prodotti ma jirrizultax dak li qed isostnu l-intimati fit-trattazzjoni taghhom, li huma qed jaghmlu uzu biss minn parti tal-hajt. Jinghad pero' li fl-eccezzjonijiet taghhom stqarrew li huma appoggaw ma' parti zghira tal-hajt.*

*Ma jidhirx li huwa kontestat li l-hajt in kwistjoni huwa sa llum proprjeta' tar-rikorrenti, u dan ghaliex m'hemm l-ebda eccezzjoni dwar dan il-punt. Jidher biss li l-eccezzjoni tal-intimati hija fis-sens li huma ghandhom ihallsu biss parti minn dan il-hajt, u li s-somma mitluba hija eccessiva.*

*Illi ghalhekk jehtieg li din il-Qorti taghmel referenza ghall-posizzjoni legali dwar kif isir il-hlas fi kwisjtonijiet t'appoggi.*

*Illi in kwantu jirrigwarda d-dritt ta' proprjeta' wiehed jirreferi ghall-**Artikolu 320** li jiddisponi illi:-*

***"Il-proprjeta' hija l-jedd li wiehed igawdi u jiddisponi minn hwejgu bil-mod l-aktar assolut, basta li bihom ma jaghmilx uzu projbit mil-ligi".***

*Illi minn dan jirrizulta li kull sid ghandu d-dritt jaljena, bil-forma li trid il-ligi, l-proprjeta' tieghu, kemm in toto u kemm in parte, u anke d-drittijiet reali l-ohra.*

*Illi proprju wahda mil-limitazzjonijiet ghal min ghandu proprjeta' tal-art, skont **l-Artikolu 323 tal-Kap 16** huma proprju s-Servitujiet Predjali, li minnhom id-dritt t'appogg*

*jifforma parti, u f'dan is-sid huwa limitat ghaliex ghandu jissubixxi tali ko-proprieta' tal-hajt li fuqu jigi prattikat l-appogg. Din hija l-limitazzjoni li sid ta' hajt, u cioe' s-sid ta' fond li ghandu tali hajt, huwa tenut mil-Ligi li jbati, bhala servitu' reali, u limitazzjoni fl-esercizzju tad-dritt tieghu ta' proprjeta'.*

*Illi ssir referenza wkoll ghall-**Artikolu 310** li jiddefinixxi bhala mmobbli, u d-dritt ta' appogg per se li huwa servitu` predjali, u anke l-azzjoni a bazi tieghu hija kkonsidrata bhala mmobbli. Illi ghalhekk a bazi tal-premess huwa korrett dak li tghid is-socjeta' konvenuta li d-dritt t'appogg, huwa inerenti fid-dritt ta' proprjieta' u hu ghal daqshekk dritt ta' natura reali.*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Inferjuri fis-seduta tas-16 ta' Gunju, 2003 fl-ismijiet **Michelina Mifsud u bintha Spiridiona Mifsud vs John u Rosaria mizzewgin Darmanin** jinghad is-segwenti:- "Hu risaput minn dak stabbilit fil-Kodici Civili, ex-Artikolu 409 tieghu, illi, salv dak li jinghad fis-subinciz (2) tieghu, s-sub paragrafu (1) johloq presunzjoni ta' komunjoni rigward hajt li qieghed jaqsam fond minn iehor. L-istess artikolu tal-ligi jistabilixxi presunzjoni ohra fis-sens illi fejn min-naha wahda jkun hemm bini, u min-naha l-ohra bitha, gnien jew ghalqa, il-hajt jitqies li hu kollu ta' sid il- bini [subinciz (3)]. Fl-ewwel paragrafu, imbaghad, tal-artikolu segwenti 410, il-Kodici Civili jissokta jipprovvdi li l-hajt li qieghed biex jaqsam btiehi, gonna jew ghelieqi, jitqies ukoll komuni, fin-nuqqas ta' sinjal jew prova ohra li juru l-kuntrarju;"*

*Kif dottrinalment espost din il-presunzjoni ta' komunjoni ssib il-fondament taghha fl-interess li ghandhom il-proprjetarji tal-fondi kontigwi. Dan skont it-taghlim tal-**Pacifici-Mazzoni** ("Codice Teorico – Pratico di Diritto Civile", Vol. II para. 377). F'dan is-sens ukoll id-decizjoni fl-ismijiet **Carmelo Cachia vs Joseph Darmanin et**, Appell Civili, 18 ta' Marzu 1977:- Il-komunjoni jew il-proprjeta` esklussiva ta' hajt, kif traccjat u dezunt mill-precitati disposizzjonijiet, "si puo provare tanto con un titolo quanto con qualunque altro segno che, avuto riguardo all' epoca in cui fu fatto esclude, o, secondo i*

*casi, indichi la comunione" (Vol. XVI P II p 221. Hu ben pacifiku illi "chi rende comune un muro con appoggiarvi delle opere non puo` esimersi dal pagare al proprietario dello stesso la rata del suo valore nel pretesto di essere il muro di irregolare costruzione" (Vol. VI pagna 183);*

*Dak li hu mportanti hu l-vantagg akkwistat u l-prova tal-komunanza tal-hajt. Kif ahjar imfisser fid-decizjoni flismijiet* ***Giuseppe Cutajar –vs- Giuseppe Pace****, Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Marzu 1957 a Vol. XLI P II p 941, "appogg ifisser mhux biss addentallament tal-bini mal-hajt ta' hadd iehor, izda anki li dan il-hajt ikun irrenda servizz lill-vicin; anzi l-akkwist tal-komunjoni jista' jsir anki ghal semplici kapricc. L-akkwist tal-komunjoni tal-hajt jista' jsir ghal kwalunkwe skop, u mhux biss biex jitpogga bini mieghu; basta jirrizulta li min pogga kellu l-intenzjoni li jakkwista l-komunjoni tal-hajt";*

*Lanqas m'hu mehtieg li dak li jkun jakkwista l-hajt kollu, izda jista' jakkwista biss dik il-parti li hu jehtieg (ara* ***Calleja vs Debono****, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Marzu 1920).*

*Importanti dak li qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Refalo vs Rapa*** *deciza fl-20 ta' Marzu, 1995. F'dik il-kawza ntqal li: "Il-ligi ma tirrikjedix procedura partikolari biex hajt li jkun diga' mibni u li huwa passibbli li jigi rez komun, jigi effettwament rez komuni. Lanqas ma hu mehtieg li qabel ma persuna tirrendi hajt komuni tinforma lill-propjetarju b'din l-intenzjoni. Min irid irendi hajt in komun, kull m'ghandu jaghmel hu li prorprju jaghmel dak l-att fiziku illi permezz tieghu jirrendih in komun."*

*Kif inghad diversi drabi f'sentenzi lokali "chi rende commune un muro con appoggiarsi delle opere non puo' esimersi dal pagare al proprietario dello stesso la rata del suo valore". Lanqas per ezempju, "nel pretesto di essere il muro di irregolare costruzione" (****Vol VI pagna 183****). Fl-istess sens ta' dan il-hsieb id-decizjoni fl-ismijiet:* ***Spiridione Pizzuto vs Nicholas Camilleri****, Appell Civili, 22 ta' Mejju 1989.*

*Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Anthony Muscat vs John Joseph Camilleri (A.K.28.5.1993-LXXVII.ii.179),*** *dwar l-insenjament tal-istitut tal-appogg fejn l-istess sentenza hija cara fiha nnifisha u tghid is-segwenti:-*

*(i) Illi fl-ewwel lok l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghassoluzzjoni tal-kwezit f'dik il-kawza, u cioe' min ghandu*
*jhallas tal-appogg jekk huwiex il-persuna li appoggat jew il-persuna li tiddetjeni l-proprieta, irreferiet direttament ghall-****Artikolu 418 (1),*** *kif effettivament sejra taghmel din il-Qorti fil-kaz odjern, pero' b'referenza ghas-sub inciz (3), ghaliex l-appogg in kwistjoni jinsab bejn zewg proprjetajiet rurali.*

*(ii) Illi minn ezami tal-istess Artikolu jirrizulta li ladarba l-appogg huwa esproprjazzjoni forzusa ta' nofs il-hajt favur min jappogga, mal-istess att innifsu t'appogg* ***jitwieled id-dritt*** *lilu tal-kumpens dovut - (****Bonnici vs Spiteri - A. 15.10.1951).***

*(iii) Illi l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu huwa illi min jappoggja ghandu l-obbligu li jhallas, u tali obbligu jibqa' hemm anke jekk dan jittrasferixxi l-istess fond lil terzi. Pero' fil-kaz odjern ma jirrizultax lill-Qorti li l-konvenut appoggja ghalkemm irrizulta li ser jiehu servizzi minnu.*

*(iv) Illi fl-ahhar ipotesi fuq indikata, "is-sid tal-hajt komuni ghandu d-dritt ghall-hlas primarjament minghand min esercita' l-appogg u in difett tal-hlas, ghandu id-dritt li jirreklama l-pagament minghand l-aventi kawza tieghu".*

*(v) Illi l-istess Qorti irribadiet illi d-dritt tal-appogg "huwa dritt reali immobbiljari, cioe jus in re konsistenti f'poter dirett immedjat, fuq il-haga stess u ghalhekk dritt assolut u mpersonali li jezisti fil-konfront ta' kulhadd. L-azzjoni relattiva hija esercitabbli kontra kull possessur tal-haga soggetta ghal dak id-dritt."*

*(vi) Illi l-istess Qorti sostniet li n-natura tad-dritt jekk huwiex reali jew personali mhix tant importanti ghas-*

*soluzzjoni tal-vertenza. Li huwa mportanti huwa li ma jigix interpretat hazin l-artikolu rilevanti tal-Kapitolu 16.*

*Illi din il-Qorti taqbel kompletament mad-decizzjoni tal-istess Onorabbli Qorti u partikolarment in kwantu ssoluzzjoni anke tal-vertenza odjerna ghandha tinstab mill-istess* ***artikolu 418 tal-Kap 16*** *li jiddisponi illi:-*

*"Kull sid jista' wkoll jaghmel komuni, kollu jew bicca minnu, hajt li jmiss mal-fond tieghu, billi jhallas lil sid dan il-hajt in-nofs ta' kemm jiswa kollu, jew in-nofs ta' kemm tiswa' il-bicca li hu jkun irid jaghmel komuni, u n-nofs ta' kemm tiswa l-art li fuqha il-hajt mibni, u billi jaghmel dawk ix-xoghlijiet li jkunu mehtiega sabiex ma jsirx hsara lill-gar".*

*Illi din hija l-unika konkluzjoni logika naxxenti mill-istess artikolu, ghaliex tali* ***Artikolu 418*** *huwa ntiz sabiex:-*

*(a) jaghti d-dritt lill-gar li jappoggja, basta jhallas, u tali azzjoni relattiva hi esercitabbli kontra kull possessur tal-haga soggetta ghal tali dritt; u*

*(b) jaghti d-dritt lil sid il-hajt, u naturalment l-aventi causa tieghu, bhala possessuri tal-istess hajt li ssubixxa l-appogg,*
*li jithallsu tal-kumpens dovut lilhom.*

*Ikkunsidrat ulterjorment:*

*Illi f'din il-kawza l-partijiet ma ressqux provi u strahu biss fuq ir-rapporti teknici tal-perit u fuq it-tifsira li ghandha tinghata mill-Qorti dwar l-istitut tal-appogg. Jirrizulta mill-atti li r-rikorrenti bnew hajt f'tarf l-ghelieqi taghha sabiex jiddividuhom mill-proprjetajiet/ghelieqi tal-intimat. Illi in segwitu' jirrizulta li l-intimat pogga l-hamrija sal-livell tal-hajt*
*in komuni u dan sabiex jaghmel servizzi minnu, bl-intendiment li jkun hemm inqas spostament ta' hamrija minn ghalqa ghall-ohra, u hu ghalhekk li l-intimat irid ihallas ghal dan is-servizz li qed jaghmel uzu minnu.*

*Illi dwar il-quantum ta' dak li ghandu jithallas ma jidhirx li hemm kontestazzjoni ghaliex l-istimi moghtija mill-perit tekniku mhumiex kontestati. Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti, in vista tas-suespost, li l-intimat ghandu jhallas sehemu mill-hajt kollu, u dan fl-ammont indikat fir-relazzjoni tal-Perit Reuben Scirotino fl-ammont ta' tliet elef hames mija u hamsa w erbghin ewro w tnejn u tletin centezmu (€3,545.32).*

*Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-intimat li s-somma mitluba mir-rikorrenti hija eccessiva fid-dawl ta' dak li kkonkluda l-perit tekniku, hija minnha.*

***Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tilqa' t-talba tar-rikorrenti, qieghda wkoll tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-intimat li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa eccessiv, pero' qieghda tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimat, u qieghda tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ridotta ta' tliet elef hames mija u hamsa u erbghin ewro u tnejn u tletin centezmu (€3,545.32).***

***L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu in kwantu ghal tliet kwarti mill-intimat u kwart mir-rikorrenti u bl-imghax legali mid-data meta gie pprattikat tali appogg.***

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph 670644 M u Philippa 532147 M konjugi Mercieca datata 30 ta' Novembru 2010 a fol 1 fejn talbu ghall-aggravji hemm imressqa sabiex din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza fl-ismijiet premessi datata 10 ta' Novembru 2010 mill-Qorti tal-Magistrati u dan billi fil-waqt li tikkonferma dik il-parti fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti u cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti appellati, thassar u tirrevoka u tikkancella l-kumplament tas-sentenza u dan billi tilqa' wkoll it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti appellanti, u billi tillikwida ammont ta' kumpens abbazi tal-ewwel stima tal-espert mahtur mill-Qorti u dan bl-ispejjez kollha anke ta' din l-istanza wkoll kontra l-istess atturi-appellati u bl-imghax minn meta giet likwidata tali somma.

Rat li l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta' Jannar 2011.

Rat ir-risposta tal-appellati datata 7 ta' Jannar 2011 fejn sostnew ghar-ragunijiet hemm premessi li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati hija gusta u timmerita konferma bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tad-19 ta' Jannar 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta' Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi jirrizulta li l-appellati kienu pprezentaw talba sabiex il-konvenuti appellanti jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta' €6,750 rapprezzentanti hlas dovut ghall-appogg minnhom ipprattikat mal-fond proprjeta' taghhom u dan kif iccertifika l-Perit Stephen Farrugia (Dok "A"), bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data meta gie prattikat tali appogg, sal-effettiv pagament.

Illi l-konvenuti appellanti kienu eccepew li (1) ma kien sar ebda appogg; (2) Illi jekk kien sar appogg, dan kien sar f'parti zghira tal-hajt indikat u ghalhekk m'ghandhomx ihallsu l-ispiza kollha hekk kif qed jippretendu l-atturi; (3) fi kwalunkwe kaz is-somma mitluba mill-atturi minghand il-konvenuti hija wahda ezorbitanti.

Illi permezz ta' sentenza datata 10 ta' Novembru 2010 laqghet it-talba attrici fl-ammont ta' €3,545.32, bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal tliet kwarti mill-intimat u kwart mir-rikorrenti u bl-imghax legali mid-data meta gie ipprattikat tali appogg.

Illi sar l-appell odjern fejn l-appellanti qed isostnu (1) li kien hemm appogg biss ma' parti biss tal-hajt mibni mill-atturi appellati u dan kif rapprezentat mill-ewwel rapport tal-perit tekniku (Dok. "RS") mahtur mill-Qorti ghaliex kienet dik il-parti biss li giet resa; (2) ma kellu jiddekorri ebda imghax mill-jum minn meta gie prattikat l-appogg; (3) li l-kap tal-ispejjez dawn ma gewx apporzjonati sew ghaliex mhux relatati mal-ammont mitlub u l-ammont li attwalment il-Qorti kkundannat lill-appellati sabiex ihallsu, li huwa bazikament nofs ta' dak mitlub.

Illi dwar l-ewwel aggravju jinghad li l-appellanti qed isostnu ghalhekk li huma ghandhom ihallsu biss l-ammont ta' €1,163.04 konstatat mill-perit tekniku nominat mill-Qorti fir-rapport tieghu datat 10 ta' Dicembru 2009 u dan ibbazat fuq il-bini ta' kmamar mal-istess hajt. Izda jidher li l-Qorti fid-decizjoni taghha ddecidiet li l-konvenuti appellati utilizzaw il-hajt mibni mill-atturi mhux biss sabiex saru l-kmamar imsemmija fl-ewwel rapport, izda wkoll billi poggew hamrija sal-livell tal-hajt komuni u dan sabiex *"jaghmel servizzi minnu, bl-intendiment li jkun hemm spostament ta' hamrija minn ghalqa ghall-ohra, w hu ghalhekk li l-intimat irid ihallas ghall dan is-servizz li qed jaghmel uzu minnu"* u allura mxiet fuq it-tieni rapport tal-istess perit tekniku li vvalutat l-uzu tal-hajt kollu mill-konvenuti bhala appogg fl-ammont ta' €3,545.32.

Illi dan huwa fil-fatt legalment korrett ghaliex huwa konsonanti mal-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"E. Grech Cristal Bath Limited vs Michele Peresso Limited"** (A.C. – 25 ta' Marzu 2011) fejn inghad li l-ammont ghall-appogg dovut ghandu jkun mahdum fuq il-kejl tal-hajt uzat u dan ghaliex huwa dovut appogg mhux biss meta garr iqabbad jew iserrah il-bini tieghu mal-bini ezistenti, izda anke fejn ma jkunx hemm ingall veru u proprju izda biss twahhil mal-wicc tal-hajt tal-appogg, u wkoll fejn ma jkunx hemm strutturi, kemm il-darba jsir uzu tal-hajt, b'mod permanenti u anke temporanju, bhal meta *"wiehed ipoggi hamrija mieghu"* (**"Giuseppe Cutajar vs Giuseppe Pace"** – P.A. – 22 ta' Marzu 1957 – Vol. XLI.ii.941) jew meta jaghlaq il-proprjeta' mhux mibnija tieghu u ghalhekk fuq dan il-

binarju din il-Qorti thoss, li la darba sar uzu mill-hajt kollu mibni mill-atturi mill-intimati kif indikati fl-istess sentenza, fatt li ma giex negat mill-appellanti, mela allura dan l-aggravvju mhux sostenibbli u qed jigi michud.

Illi t-tieni aggravju huwa fis-sens li l-appellanti ma kellhomx jigu kkundannati ihallsu imghax mid-data ta' meta gie prattikat l-appogg u dan ghaliex ma giet stabbilita l-ebda data meta dan sehh, u fit-tieni lok jirrizulta li l-ammont mitlub kien eccessiv meta kkunsidrat mal-ammont ta' appogg li l-appellanti gew ikkundannati jhallsu skond is-sentenza.

Illi dwar dan ma hemm l-ebda dubju li d-dritt ta' hlas ta' appogg huwa dovut mid-data meta jsir effettivament l-appogg, u ghalkemm dan ma giex stabbilit bl-ezatt fl-istess procedura, jirrizulta li l-kont ghall-ammont pretiz bhala appogg sar fl-20 ta' Settembru 2006 u allura d-dritt ta' appogg kellu jirrikorri minn dak in-nhar; dwar l-aggravju li l-ammont pretiz kien eccessiv, din hija kwistjoni ta' spartizzjoni ta' spejjez u mhux dwar dekorriment tal-imghax, u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-appellat huwa korrett meta jghid li l-interessi kellhom jikkonkorru mid-data tal-istess kont, li hareg ftit wara li sar l-appogg u allura anke f'dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi l-ahhar aggravvju huwa dak dwar l-ispartazzjoni ta' l-ispejjez mill-ewwel Qorti, u hawnhekk ukoll din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti, u dan peress li ghalkemm huwa minnu li l-ammont li bl-istess sentenza l-appellanti gew ikkundannati jhallsu kien biss in-nofs ta' dak mitlub quddiem l-Ewwel Qorti, dan irid jittiehed fil-kuntest tal-fatt li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti appellanti kienet li l-ebda ammont ma kien dovut minnhom ghaliex ma kienux ipprattikaw l-appogg, u allura s-sentenza trid tigi kkunsidrata fuq kollox f'dan il-kuntest. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi respint.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellati datata 7 ta' Jannar 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma` dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Joseph u Philippa Mercieca fir-rikors tal-appell taghhom datat 30 ta' Novembru 2010** ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li l-Qorti qed tikkonferma s-sentenza fl-ismijiet premessi **"Charles Dimech et vs Joseph Mercieca et"** mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 10 ta' Novembru 2010 (Rikors177/09/CSH).

Bl-ispejjez ta' dan l-appell a karigu tal-appellanti Joseph u Philippa Mercieca.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------